MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Numru 548/2013

**ILLUM 6 ta' Dicembru 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Jurgen Vella)
vs
Wayne Camilleri

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 314092(M);

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 12.00hrs minn gewwa hanut bl-isem ta' Call Zone li jinstab gewwa Triq  Haz Zabbar, Rahal il-Gdid, kkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Samsung Galaxy S4, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u li sar ghad-detriment ta' Stephanie Camilleri u/jew persuni ohra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat:

L-oggetti mertu s-serq huwa telefon cellulari (valur ta' 655 Euro) li l-imputat hadu minn go hanut u li sussegwentement gie ritornat. Dan l-imputat jistqarr fl-istqarrija tieghu fejn spjega l-motiv ghaliex hadu.

Intant, l-ammissjoij tieghu hi volontarja u inkondizzjonata.

Rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 u ssibu hati u bl-applikazzjoni tal-Artikoluy 7 tal-Kap 446 tpoggieh taht sorveljanza ta' ufficjal tal-Probation ghal tliet snin millum u tirrakomanda li perjodikament isirulu testijiet tal-urina jew demm a diskrezzjoni tal-ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------